MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1423/2002/1

**Avviz Numru 1423/02 AJD**
**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Maria Xuereb u zewgha Victor Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, mitejn u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1,235.00) rappresentanti import ta' sbatax il-kambjala, wahda ta' Lm35.00 (bilanc), u sittax ta' Lm75.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Frar 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 12).

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm68.00, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-21 ta' Frar 2002 kontra l-konvenuti.

Ra n-nota prezentata mill-konvenuti fit-8 ta' Ottubru 2002 fejn huma ammettew it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, mitejn u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1,235.00) , bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**